# Kunsill Lokali Gżira

15 ta' Dicemmbru 2021

**Ref Nru. 39/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 39/2021 li saret il-Ħamis 25 ta' Novembru 2021

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsil fil-5.30pm.

**Preżenti**

Sebgħa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jeremy Cardona u Shaun Farrugia flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Jessica Borg u Hugh Caurana ġew skużati.

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 21 ta' Novembru 2021

**39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

39.1.1 L-ittri ta' apoloġiji gew moqrija.

**39.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

39.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tnejn 2 ta' Novembru 2021 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

39.2.2 Paġna Nru.2 para 38.2.4 – Public Convenience – L-Agent Segretaru Eżekuttiv taghat update fuq il-Public Convenience fejn semmiet li ma instabx fornitur iehor għal-mobile toilets. Dan għaliex il-fornituri ma ghandhomx disponibilita. Il-Kunsill ikkonkluda li gandhom jergaw jigu ikkuntatjati il-fornituri kollha mil-gdid.

39.2.3 Paġna Nru.3 para 38.2.6 – Żgombru mil-ħwienet tax-xatt – Il-Kunsillier N.Cethcuti staqsa jekk intbghatit l-l-ittra lil Lands. Hawn l-Agent Segretarju Ezekuttiv stqarret li l-ittra ghadha ma intbghatitx minħsbbs raginijiet varji u li sa tintbghat mil-iktar fiss possibli.

39.2.4 Paġna Nru.4 para 38.3.4 – Pjazza Meme Scicluna – Il-Kunsillier N.Cethcuti staqsa ghal aġġornament fuq il-permess, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li TM ghadha ma taghtx in-'No Objection' tagħha.

39.2.5 Paġna Nru.4 para 38.3.6 – Christams Lights – Il-Kunsillier N.Cethcuti ta aġġornament fuq id-dwal tal-Milied pero stqar li l- forniturma kienx infurmat biex jarma Sliema Road. Gie konkluz li jekk il-fornitur ghandu biex jarma, jingħata l-approvazzjoni biex jarma ukoll f'din it-triq.

39.2.6 Paġna Nru.5 para 38.7.1 – Cameras tat-Toroq – Il-Kunsillier N.Cethcuti staqsa għal aġġornament, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-kunsill li l-ewwel fazi ta' l-installazzjoni ser tibda fl-ewwel ġimgħa ta' Dicembru.

39.2.7 Paġna Nru.5 para 38.7.2 – Camera tal-Lesa fi Triq x-Xatt – Il-Kunsillier N.Chetchti stqasa jekk il-kunsill inghatax risposta mil-lesa, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li l-ittra intbghatet imma l-ebda risposta ghadha ma intbghatet.

39.2.8 Paġna Nru.5 para 38.7.5 – President Fun Run – Il-Kunsillier N.Chetchti ta aġġornament fuq il Fun Run li saret fil-21 ta' Novembru u issuġġerixxa li l-Kunsill jibda jorganizza mixja simili kull sena.

Il-Kunsillier S.Farrugia qal li kien hemm miss management għaliex il-wardens ma ġewx ikkonfermati. Hawn l-agent Segretarju Ezekuttiv qalet li

minn naħa ta' l-amministrazzjoni t-talba għal wardens saret. Dan in-nuqqas ta qbil qajjem arġument bejn il-kunsilliera, fejn il-Kunsillier J.Cardona talab ghal point of order, fejn talab li jitnizzel fil-minuti li s-Sindku indirizza lil kunsillier bħala 'Qiesu iblaħ'

39.2.9 Paġna Nru.5 para 38.7.6 – L-Sqaq tal-Housing Estate – Il-Kunsillier N.Chetcutisemmagħa li apparti li hemm bzonn iz-zebgħa f'dan l-sqaq, hemm bzonn ukoll li jitwaqlu xi fanali. Il-Kunsill qabel li fil-futur it-tip tta fanali li gew issuġġeriti jistaw jinxtraw, biss wara li jiġu mitluba quotes skont is-sistema tal-akkwistmaħruġa mil-Gvern Lokali. Temporanjament jistaw jitwahlu flood lights sabiexx z-zona tkun sigura.

39.2.10 Il-kunsillier N.Cethcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 38 jiġu approvati. Il-Vici Sindku R.Mangion ssekondaħ.

**39.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

39.3.1 Progett Ponsomby – Is-Sindku semmgha li qieghed jiġi diskuss progett fejn il-bankini ta' Triq Ponsomby jitwessaw u jiġu imhalwin sigar it-tul kollu b'sistema ta irrigazzjoni installata taht l-art. Kompla jispjega li l-ammont ta'parking ma jinmissx imma jibqa l-istess. Għalkemm il-progett għadu bikri u għad hemm affarijiet li jrid jiġu decizi, bħal x'tip ta siġar, il-kunsill laqa dan il-progett u ta' l-approvazzjoni tiegħu.

18.30 Il-Kunsillier J.Cardona telaq mil-laqgha mingħajr ma ikkomunika mal-Kunsill. L-Agent Segretarju Executtiv sabet messaġġ mingħand il-kunsillier fejn infurma li ser jitlaq. Hija indunat bih tard, u tali kunsillier għandu jitlob li jiġi skuzat lil Kunsill u mhux lis-segretarja.

39.3.2 BCCS Conference – L-Agent Segretarju Ezekuttiv tat prezentazzjoni fuq il-konferenza li saret fix-xhar ta' Novembru. Din il-konferenza giet kompletament iffinanzjata mil-Unjoni Europea. It-tema tal-konferenza kienu Biodiversity, Climate Change u l-stakeholder. Is-Sindku ikkonferma li dan il-progett kien success u infurma lil-Kunsill li hemm il-pjan li jsir tnejn oħra fis-sena 2022. L-Agent Segretarju Ezekuttiv tat iktar informazzjoni fuq dawn il-progetti.

39.3.3 Permessi imwaqqfa tul il-perijodu tal-Milied – L-Agent Segretarju Ezekuttiv talbet li kunsill sabiex jikkonferma d-dati ttal-waqfien tal-permess. Il-Kunsill qabel li il permessi ħa jieqfu bejn it-Tnejn 20 ta' Dicembru u il-Ħadd 2 ta' Jannar 2022. Is-segretarja talbet sabiex il-kunsill itieha linja gwida għal eccezjonijiet. Il-Kunsill ikkonferma li l-eccezzjoniet jistaw isiru f'kas ta' xogħlijiet urgenti fejn trid issir it-talba bil-miktub u f'kas ta' bzonn domestiku ta' lifter.

39.3.4 Bollards fi Triq tas-Sliema – L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li t-talba għal bollards ma gietx accettat minn Transport Malta

39.3.5 Progett Sliema Road – Fuq talba tal-Kunsillier S.Farrugia, is-sindku ikkonferma li hemm progett ta' l-Unjoni europea għal Sliema road. Is-Sindku kompla jikkonferma li bħal issa qed isiru xi testijiet li la darba jitlestew ikun jistaw jittieħdu id-decizjonijiet meħtiega.

39.3.6 Leave ta' l-Istaff – L-Agent Segretarju Ezekuttiv talbet lil-Kunsill sabiex japprova it-tigdied ta' leave li ma intuzax mil-istaff. Kompliet tispjega li dan il-leave huwa antik u li ma ittiehidx ghal ragunijiet validi. Wara li ikkonsidra kollox, il-kunsill qabel sabiex japprova t-tiġdied tal-leave.

39.3.7 Skemi/Fondi tar-Regjun – Is-Sindku qal li ghad hemm skemi/fondi min-naħa tar-regjun li għadhom ma intuzawx. Il-Kunsill inghata skadenza sal-10 ta' Dicembru sabiex jintuzaw. Gew diskussi l-iskemi kollha imma il-kunsill qabel li is-sindku għandu jara kif l-ahjar għandhom jintuzaw dawn il-fondi billi jitħol iktar fid-dettal ta' x'jistan jsir. Aġġornament għandu jingħata fil-laqgha li jmiss.

**39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

39.4.1 Il-Kunsillier S.Farrugia staqsa għal aġġornament fuq il-progett tal-Marina u il-gnien. Is-Sindku qal li Transport Malta iddecidew irtira l-applikazzzjoni għal-kapitenerija minn ġol-ġnien u jitfaw ohrra sabiex il-binja tittella f'post ieħor, cioe fil-parti tal-marina. Biss l-impenji li gew imweghda kollox ser jibqa kif kien. Il-Gnien għadu jerġa jiġi iddisenjat mingħajr il-kapitenerija u bl-obbligi kollha li ġew marfa.

39.4.2 Il-Kunsillier S.Farrugia kellu mistoqsija fuq is-segretarju Ezekuttiv, imma prefera li ma jpoggihiex.

**39.5 Rapporti**

39.5.1 Il-Kunsill ma iddiskuta l-ebda rapport. Biss il-Kunsillier S.Farrugia issugeirexxha li natu ċans lil-Contracts manager sabiex tati aġġornament u inttervent taghha.

**39.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

39.6.1 Il-Kunsillier N.Chetcuti ta' aġġornament fuq l-inizzjattiva tal-ħamiem.

39.6.2 Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgħa li qed ikun hemm ħafna tgergir ħabba l-ammont ta' no parking li qed jizdiedu. Huwa issuġġerixxa li jitnaqqas l-ammont ta' permessi li jingħataw f'kull ġurnata. Għaldaqstant il-kunsill iddecieda li din is-sistema tinbeda minnufiħ.

39.7.3 Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgħa li hemm bżonn li certu bankini jiġu irranġati minħabba l-istat li qedin fiħ.

39.7.4 IBINS/Bring In Sites – Is-Sindku stqasa dwar il-fondi li il-Kunsill kien applika ghalijhom sabiex jaghmel l-IBINS fil-lokalita. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li tali fondi għadhom qed jiġu evalwati, madanakollu il-bring in sites iridu jsir ghaliex saru mandatorji bil-liġi.

39.7.5 President Fun Run – Il-Kunsillier N.Chetcuti talab għal għajnuna tal-kunsilliera sabiex inheggu ir-residenti jippartecipaw fil-Fun Run. Il-Kunsilliera qablu li jagħmlu l-almu taghħhom.

39.7.6 L-Sqaq tal-Housing Estate (għal Triq Manoel) – Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgha hemm bzonn jizdied id dawl fl-sqaq. Innota ukoll li hemm bzonn tingħata iz-zebgħa. Il-Kunsill iddecida li jmexxi b'din it-talba.

**39.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

39.8.1 Il-Kunsillier I.Buhagiar staqsa fuq il-pagament ta' J.F. Mallia, fejn spjegat li dan il-fornitur jaghmel ix-xoghol u it-tiswijiet tad-dwal fit-toroq.

38.8.4 Il-Kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier S.Farrugia ssekonda.

**37.9 Mozzjonijiet**

37.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**37.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

37.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 9.10pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-it-Tnejn 20 ta' Dicembru fil-5.30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Dicembru 2021.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

Claire Goodlip
Aġent. Segretarju Eżekuttiv